Passju

Stanley Borg

Xi drabi nqum, u naħseb li din il-ġurnata diġà għextha, forsi iżjed minn darba. U forsi l-aħħar sitt xhur kienu biss din il-ġurnata, waħda fuq l-oħra mgħaffġin bħal fjuri bejn il-qxur ta' ktieb għat-tfal.

"Daż****tasuwed, tgħid ġamra ta' sigarett imdawra b'roqgħa leħja."

Nittewweb. Għatx. Għandi l-għatx. Minn hawn nismagħhom jitkellmu. Ma nifhem xejn, u nara biss xofftejhom imdendla ma' bejta konsonanti. Il-pulizija lebsin ingwanti bojod u jsaqsu għall-etá u mnejn sa fejn.

"Issa tara. Bħal Sqallija ħa nispiċċaw. Hemmhekk invażati bihom."

Is-suwed iħarsu lejn l-art ħlief wieħed li jxengel rasu għal darba darbtejn. Tlieta. Ma jgħid xejn. Imbagħad iħares lejja, għajnejh ebsin u żgħar daqs *ball bearings*, maqtugħa bis-sadid. U jdur, donnu biex jurini li l-ġilda ta' dahru mqarqċa bħaż-żebgħa fix-xemx, u li l-vini ta' saqajh misluħa daqs kordi ta' kitarra.

Sakemm inpetpet għajnejja, jaqbeż. Malli jmiss l-ilma, ġismu jibbies. Is-sħana tbewwaq kull ħoss, ħlief għaċ-ċaf ċaf ċaf ċif ta' jdejh stirati lejja bħal xrapnel. Ix-xatt inkejja issa wasal issa fadal oċean u l-għawma donnha mhu sa tieqaf qatt għall-ġranet li fadal. Kif jaqbad ponn ir-ramel, l-aħħar sforz jiftaħlu mnifsejh u jilħeġ il-ftit metri li fadal sa ħdejja. Jintefa' kokka quddiemi, għajnejh imsallba ma' tiegħi u l-pali ta' jdejh miftuħa bħal galletta.

"Ciao. Buongiorno. Io Ismail."

Ix-xewka ta' dahru bħal rima mal-mewġ.

"Io Ismail."

Kif inqum inħoss il-frisk, l-istess frisk li żżomm il-knisja taħt in-navi. Xi ħadd ibexxaq tieqa, u jdoqq pjanu. Minn ħdejja, in-noti jinstemgħu ringiela bħal rima mal-mewġ. Bħax-xewka ta' dahar io Ismail.

* * *

Xi drabi norqod, u naħseb li dan il-lejl diġà ħlomtu. U forsi l-aħħar iljieli kienu biss din il-ħolma, waħda ġo l-oħra bħal basla, waqt li l-ġuħ itini bil-minkeb fl-istonku.

Ta' l-uniformi blu jitilgħu fuq id-dgħajsa wieħed wieħed. Ixommu l-intiena ta' saqajn, iqarrsu wiċċhom u jibdew iniżżlu n-nisa l-art. Ommi tipprova żżomm dritta. It-tfal jerfgħuhom. Lili jimbuttawni ma' Abdi, Korfa u l-oħrajn. Kemxejn goffi. Jew jiena dgħajjef.

"Ciao, buongiorno," ngħidilhom, biex nurihom li naf il-lingwa tagħhom."

Tnejn minnhom jidħqu u dak li qed jitkellem ixengel rasu.

"No Italy. Malta. This is Malta."

Malta? Malta x'inhi?

"Ciao, buongiorno," nerġa' ngħidilhom.

"Malta," jgħiduli, b'inqas paċenzja.

Malli mmiss l-ilma, ma nisma' xejn ħlief nifsi jinġibed u ċ-ċaf ċaf ċaf ċif ta' saqajn ix-xiħ fil-baħar resqin iżjed viċin. Kif naqbad l-art, ir-ramel iċedi taħt idejja u nitkaxkar lejn ix-xiħ. Nintefa' kokka quddiemu, għajnejh iħarsu warajja u l-pali ta' jdejh kollha suf żgħir, waħda ħdejn waħda, qishom punti tal-ħjata.

"Ciao. Buongiorno. Io Ismail."

"Io Ismail."

Imbagħad jaslu l-irġiel bl-uniformi blu u jxarrbu l-ingwanti bojod bl-għaraq ħelu bettieħa jleqq ma' ġismi. Iqandluni u jkaxkruni lejn id-dgħajsa, waqt li nibqa' nsejjaħ lix-xiħ *Ciao, buongiorno* biex forsi jagħrafni. Sakemm jongħos, u minn warajh jgħaddu ċorma tfal bl-uniformi blu, jgħajtu bħal gawwi waqt li jwaddbu ġebla ma' l-art u jaqbżu fuqha. U kull taptipa ta' saqajhom ma' l-art taqa' bħal nota ta' pjanu.